**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
**30 ta' Marzu 2025**

# L-Eżerċizzi: Okkażjoni tad-deheb biex tieqaf u taħseb

F'din il-ġimgħa li għaddiet saru 3 ijiem eżerċizzi għall-koppji ta' ġenituri bit-tfal, u n-numru ta' dawk li pparteċipaw kien tassew inkoraġġanti. Tkellimna fuq l-imħabba fit-trobbija tat-tfal anki meta jsiru teenagers, l-imħabba bejn il-koppja, u l-imħabba lejn l-istorja personali ta' kull wieħed bħala għodda f'idejn il-ġenituri biex flimkien ma' Alla jirnexxu fil-missjoni tagħhom. Waqt l-eżerċizzi li saru fil-knisja, it-tfal iż-żgħar kellhom attività għalihom għand is-sorijiet Franġiskani waqt li l-kbar kellhom attività għalihom fiċ-Ċentru Parrokkjali. Grazzi kbira lill-voluntiera kollha li għenu fl-organizzazzjoni u fl-attivitajiet tat-tfal.

Issa nħeġġu lil dawk kollha li għad ma kellhomx iċ-ċans li jattendu għall-mument ta' waqfa u riflessjoni f'dan ir-Randan sabiex jippjanaw li jkunu magħna mit-Tnejn 7 sal-Ħamis 10 ta' April, fil-5.30pm, fil-Bażilika, għal **4 ijiem Eżerċizzi dwar is-sens taċ-ċelebrazzjoni tal-Għid u l-Liturġija tal-Quddiesa**. Ser ikunu mmexxija Dun Joe Bajada, ir-rettur tas-Seminarju Maġġuri u nemmnu li ser ikunu utli ħafna għal kull min jixtieq igawdi mill-grazzja li tingħatalna kull darba li niċċelebraw il-misteru tal-Għid f'kull quddiesa.

*L-Arċipriet*

## Avviżi mill-oqsma tal-MUSEUM

Nhar it-Tnejn 31 ta' Marzu l-oqsma tal-MUSEUM mhux ser ikunu miftuħin.

**Il-MUSEUM tal-Bniet**
javża li mit-Tnejn, 31 ta' Marzu, sal-Ġimgħa, 4 ta' April, it-tfal mhux ser ikollhom tagħlim fil-qasam peress li l-membri ser ikollhom l-Eżerċizzi tar-Randan.

**Il-MUSEUM tas-Subien**
javża li mit-Tnejn 7 ta' April (u mhux mit-Tnejn 31 ta' Marzu) ser jinbidlu l-ħinijiet tal-qasam:

**Primarja:**
**Years 1, 3 u 5** nhar ta' **Tnejn u Ħamis**. Il-grawnd jinfetaħ fis-6.15pm u l-lezzjoni ssir bejn is-6.45pm – 7.15pm. Wara nwassluhom bil-vann.
**Years 2, 4 u 6** nhar ta' **Tlieta u Ġimgħa**. Il-grawnd jinfetaħ fis-6.15pm u l-lezzjoni ssir bejn is-6.45pm – 7.15pm. Wara nwassluhom bil-vann.

**Middle School/Sekondarja:**
**Years 7 sa 11** kull nhar ta' **Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa**. Il-grawnd jinfetaħ fis-7.15pm u l-lezzjoni ssir bejn it-7.45pm – 8.15pm. Wara nwassluhom bil-vann.
Kull nhar ta' Ħadd ikollna passiġġata li nitilqu mill-qasam fit-3.00pm.

## Avviżi għat-Tnejn 31 ta' Marzu

1. **iċ-Ċimiterji ta' Kenuna u tal-Ħniena Divina** ser ikunu miftuħin mis-7.00am sas-6.00pm.
2. **Via Sagra fuq t'Għammar għat-tfal flimkien mal-ġenituri**. Niltaqgħu fit-8.30am quddiem is-Santwarju Ta' Pinu. Imexxi l-Arċipriet Dun Krystof.
3. **Irtir għal kull min jgħin fil-kura u fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja** fis-sala ta' taħt iz-zuntier Ta' Pinu. Jibda fid-9.30am u jagħlaq bl-ikel ta' nofsinhar. Imexxi l-irtir Dun Roberto Gauci. Nixtiequ li, minbarra li jkun mument ta' fraternità, permezz ta' dan l-irtir niskopru iktar il-grazzja li għandna aħna li nkunu tant qrib l-Artal fis-servizz li nagħtu fil-Knisja waqt il-Quddiesa: it-Tifkira tal-Misteru tal-Għid.
4. **Laqgħa ta' talb tal-grupp ta' Patri Piju** fl-4.00pm fil-kappella tas-Sorijiet. Ikun hemm Adorazzjoni bit-talb tar-Rużarju u wara Quddiesa. Inkomplu nitolbu għall-morda u l-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna.
5. **Pellegrinaġġ bil-mixi min-Nadur sa Ta' Pinu** fl-4.30pm. Fl-aħħar se tkun iċċelebrata l-quddiesa. Min hu interessat javża ċ-Ċentru Parrokkjali (NTYC) biex jibbukkja t-trasport lura.

**Pellegrinaġġ bl-istatwa tar-Redentur** nhar l-Ġimgħa 4 ta' April 2025, fil-5.30pm, jibda minn Triq Ħanaq, u jgħaddi minn Triq tal-Ħali, Triq Dun Anton Tabone, Triq ir-Ramla, u jintemm fi Triq Binġemma fejn tiġi ċċelebrata quddiesa f'garaxx fl-istess triq.
**N.B.** Dakinhar mhux ser issir is-siegħa tal-Ħniena Divina fil-Bażilika kif is-soltu ssir kull l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar, peress li ser nipparteċipaw ilkoll kemm aħna fil-pellegrinaġġ tar-Redentur.

***At the Cross***, il-Ġimgħa 4 ta' April, fit-8.00pm fil-knisja Bażilika.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ħamis 10 ta' April ser norganizzaw ħarġa għal Malta fejn ser inżuru r-Redentur tal-Isla. Wara mmorru Birżebbuġa. Nibbukkjaw billi nċemplu lil Tonina fuq 21553041 / 79923153 jew lil Ġuża fuq 21552426 / 99228906.

## BDIL FIL-ĦIN TAL-QUDDIESA (minn nhar it-Tnejn 31 ta' Marzu)

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am